# Mhux Waħdek

## minn Rita Psaila Kuhlmann

Imsakkar ġol-gaġġa,
mhux waħdek ħabib,
u ta' din il-ħajja,
mimlija taqlib,
mhux waħdek ġarrejtu,
fuq spalltek, salib.

It-trejqa imdallma,
li tidher bla tmiem,
it-tul illi fiha,
li jikber biż-żmien,
mhux waħdek, le sieħbi,
imxejta 'nke jien.

Ir-riefnu li qaċċat,
is-siġar ċkejkin,
li ħarbat għelieqi,
u berbaq widien,
mhux waħdek ilmaħtu,
hemmhekk kont hemm jien.

Trid tneħħi n-nuċċali,
li għatta għajnejk,
trid tarmi s-sorra,
li kisbet spallejk,
mhux waħdek, le sieħbi,
hawn jien qiegħda ħdejk.